**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 152/2015 RM**

**240 Limited (C37793)**

**-vs-**

**Kunsill Malti ghall-Isport u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2019 l-isem gie korrett ghal 'Sport Malta'**

**Illum, 11 ta' Gunju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici 240 Limited ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' disat elef, disa' mija u hdax-il ewro u disghin centezmu (€9,911.90) u/jew somma ohra li tigi hekk stabilita u ddikjarata rapprezentanti bilanc dovut mill-Kunsill Malti ghall-Isport lis-socjeta' attrici u dana flimkien mal-bilanc tal imghax dovut u relattiv fuq is-somma hekk dovuta u dikjarata, rapprezentanti f'bilanc mis-somma dovuta ghall-bilanc fuq xoghlijiet fil-grownd (*recte. ground*) tal-Mosta Football Club, kif ukoll servizzi ulterjuri, senjatament tindif u testing ta' pools f'siti varji amministrati u/jew li jaqghu taht it-tutela tal-Kunsill Malti ghall-Isport (gewwa Kirkop, Siggiewi u

Cottonera) liema servizzi gew mitluba mill-istess konvenut u dana wara qbil kemm dwar l-istess servizzi kif ukoll dwar il-hlasijiet relattivi (kopja tal-invoices qed jigu annessi u mmarkati bhala 'KMS 1').

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali intavolata kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad data ta l-effettiv pagament, bil-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mill-Kunsill Malti ghall-Isport fid-19 ta' Gunju, 2015 fejn eccepiet:-

*"Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet:*

*1.Illi l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent mill-Kunsill Malti ghall-Isport in konnessjoni ma' xoghlijiet ezegwiti gewwa l-Mosta Football Ground, stante li l-Kunsill esponent gja hallas ghax-xoghlijiet kollha li gew inkarigati u/jew approvati mill-istess Kunsill;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tas-servizzi ulterjuri msemmija mir-rikorrenti allegatament ezegwiti f'pools gewwa Kirkop, Siggiewi u Cottonera, jigi umilment eccepit li r-rikorrenti trid tipprovdi prova tal-kuntratt li allegatament kien jezisti bejn il-partijiet, tar-rata/i a bazi ta' liema huma allegatament dovuti l-ammonti reklamati, li s-servizzi attwalment inghataw kif ukoll il-job sheets relattivi ffirmati ghall-ammonti reklamati.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti u l-provi kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici in linea ta' trattazzjoni finali, fl-4 ta' Novembru 2020, u rat ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva pprezentata mill-Kunsill konvenut fid-29 ta' Jannar 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm ebda ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum stess;

Ikkunsidrat;

L-ammont mitlub f'din il-kawza jirrapprezenta l-valur ta' zewg servizzi differenti li s-socjeta` attrici tghid li hija pprestat a favur tal-Kunsill konvenut, liema servizzi baqghu ma thallsux.

**Provvizjoni u Tqeghid ta' *Artificial Turf***

Kwantu ghat-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma rapprezentanti bilanc fuq xoghol ta' tqeghid ta' "*artificial ground surface*" u xogholijiet u servizzi sekondarji, gewwa l-*ground* tal-Mosta Football Club, jirrizulta illi s-socjeta` attrici nghatat dan l-appalt abbazi ta' *tender* mahrug mill-Kunsill Malti

ghall-Isport ("il-Kunsill") u fir-rigward gie konkluz kuntratt bejn id-Direttur tal-Kuntratt ghan-nom tal-istess Kunsill, u s-socjeta` attrici[1].

Mill-atti jirrizulta illi l-ghoti tal-appalt kien ibbazat ukoll fuq diversi dokumenti formanti parti mill-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, fosthom *Bill of Quantities*[2] fejn gie specifikat illi l-kwantita` ta' *artificial turf* li kellu jigi supplit u mqieghed fil-*ground*, kellha tkun biex tkopri area superficjali ta' 8,100 metri kwadri. Dan il-kejl superficjali gie indikat in segwitu u abbazi ta' *survey* li kien sar precedentement fuq inkarigu tal-Mosta Football Club. Meta finalment giet imkejla l-area li fuqha gie mqieghed it-*turf* fil-*ground* in kwistjoni wara x-xogholijiet kienu tlestew, irrizulta illi s-superfici li gie kopert bit-*turf* kien ferm iktar minn dak specifikat fil-kuntratt. Dan gara ghaliex waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, id-dirigenti tal-Mosta Football Club kienu talbu li l-qisien tat-*turf* li kellu jitqieghed fil-pitch, jigu emendati u talbu lis-socjeta` attrici tipprovdi *turf* addizzjonali sabiex effettivament jigi assigurat illi l-pitch kollu jkun kopert bit-*turf*. Izda filwaqt illi s-socjeta` attrici ssupplixxiet it-*turf* addizzjonali kif mitlub, il-Kunsill irrifjuta li jhallas is-somma rapprezentanti t-*turf* zejjed li tqieghed skont il-kejl finali u hallset biss il-prezz miftiehem fil-kuntratt ta' appalt li kien inhadem abbazi tal-qisien specifikati fil-*Bill of Quantities* formanti parti mill-kuntratt.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi hija pprocediet biex ghamlet l-ordni minghand il-manifatturi taghha ghall-ammont addizzjonali ta' *turf* artificjali, wara li din il-varjazzjoni fil-qisien giet konfermata mill-Perit tal-progett, il-Perit Stephen Grech, li kien approva wkoll il-fornitura tat-*turf* addizzjonali. Kemm hu hekk, kieku ma giex imqieghed it-*turf* fil-kejl li kien jeccedi dak indikat fil-*Bill of Quantities*, kien ikun hemm parti mill-pitch mhux kopert bit-*turf*. Tishaq ukoll illi hadd ma ordna li ma jsirx ix-xoghol addizzjonali u lanqas irceviet xi lment

[1] Esebit fil-15 ta' Gunju 2016 a fol. 59. Jidher li dan gie pprezentat minghajr nota *ad hoc*.
[2] Pagna 152 *et seq*. tal-kuntratt.

dwar ix-xoghol li effettivament gie mwettaq minnha fil-*ground*, tant illi sal-lum il-gurnata dan it-*turf* ghadu nstallat. Sostniet ulterjorment illi ghalkemm il-kuntratt kien ghall-fornitura ta' 8,100 metri kwadri ta' *turf* artificjali, pero' bhal f'kull *tender* iehor huwa permess li ssir varjazzjoni ta' hamsa fil-mija (5%) fl-ammonti miftiehma.

Da parti tieghu, il-Kunsill jikkontendi illi huwa hallas dak kollu li kien dovut skont il-kuntratt u m'ghandux jigi kkundannat ghall-hlas mitlub ghax-xoghol ta' tqeghid ta' *turf* lil hinn minn dak specifikat fis-sejha ghall-offerti, ghaliex il-procedura pattwita fil-kuntratt f'kaz ta' varjazzjonijiet fl-ammonti specifikati, ma gietx segwita mis-socjeta` attrici. Skont il-Kunsill, is-socjeta` attrici pprocediet bix-xoghol addizzjonali minghajr ma kisbet l-awtorizzazzjoni li kienet mehtiega preventivament biex effettivament seta' jsir dan ix-xoghol addizzjonali.

Il-Kunsill ma jikkontestax illi x-xoghol addizzjonali li ghalih qed jintalab il-hlas, effettivament sar, izda jikkontendi illi dan sar ghaliex l-entita` originali tax-xoghlijiet fil-Mosta Football *ground*, fosthom id-daqs tal-*ground* innifsu, spiccat zdiedet minn dak originarjament progettat u kien ghalhekk li irrizulta eventwalment illi l-kejl superficjali tat-*turf* supplit skont l-i*specifications,* ma kienx bizzejjed biex ikopri l-*ground* kollu.

Il-Kunsill isostni ulterjorment illi f'kull kaz, il-Gvern baqa' ma avvanzax il-fondi mehtiega sabiex jigi effettwat il-hlas mitlub ghal dan ix-xoghol addizzjonali li kien jeccedi l-*budget* allokat ghal dan it-*tender*, u ghalkemm il-kwistjoni giet riferuta lis-Segretarju Permanenti fi hdan l-Edukazzjoni u Sport ta' dak iz-zmien[3] u wkoll lill-Ministeru tal-Finanzi b'talba biex jigu allokati l-fondi biex isir il-hlas ghal dan ix-xoghol zejjed, din it-talba giet rifjutata. Ghaldaqstant, kif ukoll minhabba li l-procedura tal-varjazzjonijiet stabbilita fil-

[3] Charlo Bonnici.

kuntratt ma gietx segwita u sar iktar xoghol minn dak specifikat fis-sejha ghall-offerti[4], il-Kunsill irrifjuta li jhallas l-eccess mitlub mis-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Effettivament, il-vertenza tirrizolvi ruhha fid-determinazzjoni dwar jekk it-tibdil fil-qisien ghall-fornitura tat-*turf* artificjali, kienx jehtieg l-approvazzjoni tal-Kunsill skont il-procedura mfissra fil-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, jew jekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Specjali (*Special Conditions*) tal-kuntratt, din l-approvazzjoni ma tkunx mehtiega f'kaz li l-varjazzjoni ma teccedix parametru ta' hamsa fil-mija (5%). Ghandu jigi determinat ukoll jekk, kemm il-darba jigi stabbilit illi z-zieda fil-kwantita` tax-xoghol saret skont il-procedura pattwita fil-kuntratt biex isiru l-modifiki, il-kuntrattur ghandux dritt ghal hlas addizzjonali skont iz-zieda fix-xoghol.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat l-atti. Mill-provi jirrizulta abbundantement illi ghalkemm il-Kunsill Malti ghall-Isport kien partecipi fil-korrispondenza dwar it-talba ghal tibdil fil-qisien approvati sabiex jigi supplit ammont addizzjonali ta' *turf* biex jitqieghed fil-*ground*, il-varjazzjoni mitluba baqghet qatt ma giet approvata mill-Kunsill la preventivament u lanqas wara l-fornitura u tqeghid tal-materjal u t-tlestija tal-appalt kollu.

Mill-iskambju tal-korrispondenza esebita in atti riferibbilment ghat-tibdil fil-*layout plan* tat-*turf* artificjali, jirrizulta illi fil-5 ta' Marzu 2010 il-Perit Stephen Grech baghat pjanta emendata tal-*ground* li kienet tirrikjedi tibdil fil-qisien tat-*turf*[5]. Permezz ta' *e-mail* mibghut fl-1 ta' April 2010 is-socjeta` attrici gharrfet

[4] Ara xhieda Dr. Peter Fenech.
[5] Tergo fol. 36.

lill-Perit Stephen Grech u lill-Mosta Football Club, fost persuni ohrajn, illi hija kienet sejra tordna l-materjal skont l-iktar pjanti recenti, filwaqt li f'*e-mail* sussegwenti mibghut fit-13 ta' April 2010 (09:59h) lill-Mosta Football Club, il-Perit Grech u lis-Segretarju Parlamentari Charlo Bonnici, hija staqsiet hekk:-

"*... can you please advise if you allow the amendment or not, as we need to confirm production.*"

Madanakollu, ghalkemm evidentement ma rceviet l-ebda konferma mill-Kunsill dwar jekk it-tibdil fil-qisien tal-artifical *turf* kienx gie approvat u jekk setghetx tkompli bix-xoghol, jirrizulta li s-socjeta` attrici xorta wahda fl-14 ta' April 2010[6] affermat illi l-produzzjoni tal-*artificial turf* bil-qisien godda kienet sejra tibda dakinhar stess. Desmond Mizzi fix-xhieda tieghu ikkonferma illi effettivament is-socjeta` attrici ma rceviet ebda komunikazzjoni minghand il-Kunsill in segwitu ghal dan l-*e-mail*.

Fir-rigward, Stephen Grech, il-Perit nominat mill-Mosta Football Club li tressaq bhala xhud mis-socjeta` attrici, xehed[7] kategorikament illi l-Kunsill Malti ghall-Isport kien ghamilha car li ma kienx se jaccetta xejn aktar minn dak li gie specifikat fit-*tender*, u dan minkejja li saru diversi tentattivi sabiex tinkiseb din l-approvazzjoni. Qal ukoll li x-xoghol ta' tqeghid tat-*turf* inkluz dak addizzjonali, baqa' ghaddej minkejja li l-Kunsill ma approvax espressament li jsir dan ix-xoghol addizzjonali.

Dan gie affermat ulterjorment minn Joseph Cassar, li fiz-zmien li nghata t-*tender* mertu ta' din il-kawza u saru x-xogholijiet appaltati lis-socjeta` attrici, kien jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Kunsill Malti ghall-iSport. Hu sostna konsistentement matul id-diversi depozizzjonijiet tieghu f'dawn il-

[6] Dok. DM24, fol. 144, u Dok. SG1 fol. 38.
[7] Xhieda tas-17 ta' Mejju 2016.

proceduri, illi l-pozizzjoni tal-Kunsill dejjem kien illi ma japprova l-ebda varjazzjoni tax-xoghol moghti fit-*tender* u fil-korrispondenza skambjata dwar iz-zieda fix-xoghol, huwa kien iddikjara minnufih illi l-ebda tibdil ma kien ser jigi awtorizzat. Kien ghamilha wkoll car li l-Kunsill m'ghandux is-setgha li japprova xi varjazzjonijiet jekk ma jkollux il-permessi necessarji mid-Dipartiment tal-Kuntratti u l-pagament zejjed li gie mitlub ma setax jithallas ghaliex id-Direttur tal-Kuntratti ma kienx awtorizza li dan isir. Skond ix-xhud, il-Kunsill kien sar jaf li kienu saru tibdiliet fil-qisien, **wara** li x-xoghol kien diga` sar.

Effettivament, jirrizulta illi fl-*e-mail* datat 12 ta' April 2010, mibghut b'risposta lill-Perit Stephen Grech u lil Chris Grech (rapprezentant tal-Mosta Football Club), Joseph Cassar qal hekk:-

"*KMS cannot accept options that have not been included within the tender proposals at this stage.*"[8]

Jirrizulta illi din ir-risposta ntbaghtet in segwitu ghal *e-mail* iehor mibghut fl-istess data izda ftit hin qabel, fl-15:44h, mill-Perit Stephen Grech lis-socjeta` attrici, lis-Segretarju Parlamentari, lill-Mosta Football Club kif ukoll lill-Kunsill, fejn l-istess Perit kien gharraf lis-socjeta` attrici illi r-revizjoni tal-*line marking scheme* x'aktarx li tehtieg l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm mhux imfisser espressament fir-Rikors promotur, il-Qorti fehmet illi s-socjeta' attrici qieghda tippretendi hlas rapprezentanti kejl superficjali addizzjonali ta' 255 metri kwadri ta' turf artificjali, fis-somma ta' €4,793.40

[8] Fol. 34.

eskluz taxxa fuq il-valur mizjud (VAT)[9]. Skont is-socjeta` attrici, l-ammont addizzjonali ta' *turf* artificjali supplit minnha, jirrapprezenta varjazzjoni ossia zieda ta' inqas minn 5% tal-metragg originali specifikat fit-*tender document* u ghaldaqstant, hija tikkontendi illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt, ma kienx mehtieg approvazzjoni *ad hoc* sabiex issir il-modifika u jsir ukoll il-hlas addizzjonali[10].

Kif inghad, ir-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza tippernja primarjament fuq l-interpretazzjoni korretta li ghandha tigi assenjata lill-Artiklu 35 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt, intestata "*Variations and Modifications*" liema Artikolu jipprovdi[11] illi "*The right is reserved to increase or decrease the quantities and amounts in the schedule of quantities by 5%*".

Is-socjeta` attrici tinsisti illi l-Artikolu 35.1 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt jaghtiha d-dritt li zzid jew tnaqqas il-kwantitajiet u l-ammonti stabbiliti fl-*ischedule of quantities* (*bill of quantities*) formanti parti mill-kuntratt, sa limitu ta' 5% minghajr il-htiega illi tigi osservata l-procedura stabbilita fl-Artikoli relevanti tal-*General Conditions* tal-kuntratt. Dan ifisser, skont kif issostni s-socjeta` attrici, illi l-htiega tal-approvazzjoni bil-miktub tal-Gvern Centrali ghall-hlas addizzjonali dovut fuq modifiki li jsiru fil-kuntratt, m'hijiex applikabbli ghaliex altrimenti, il-klawsola pattwita fil-Kundizzjonijiet Specjali li taghti dritt lil kull parti li zzid (jew tnaqqas) il-kwantita` tax-xoghol, tkun bla skop.

Da parti tieghu, il-Kunsill jikkontendi illi skont il-kuntratt, kull varjazzjoni fl-ammonti stabbilit fit-*tender document* tkun xi tkun, tehtieg l-approvazzjoni tal-Gvern Centrali ghall-finanzjament taz-zieda fix-xogholijiet, u dan peress illi

---

[9] Ara *request for payment* datat 18 ta' Ottubru 2010, Dok. DM36, fol. 156. Is-somma totali pretiza inkluz VAT hija ta' €5,655.90.

[10] Il-metragg addizzjonali li gie certifikat mill-Perit inkarigat mill-progett, huwa ta' 8,250 metri kwadri, cioe` zieda ta' 250 metri kwadri fuq l-ammont pattwit fil-kuntratt.

[11] Artikolu 35.1.

kwalsiasi zieda fil-kwantita` tax-xoghol iggib maghha pretensjoni ghal hlas addizzjonali ghal dak pattwit fil-kuntratt.

Il-Qorti taqbel mal-pozizzjoni tal-Kunsill. Minn ezami akkurat tal-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, huwa car illi l-Artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Specjali jrid jigi interpretat fil-qafas tad-definizzjonijiet partikolari moghtija fl-istess kuntratt. Fir-rigward, tosserva illi s-sezzjoni tal-kuntratt intestata "*Special Conditions*" tibda biex tipprovdi illi l-**"*General Conditions*" tal-kuntratt ghandhom isibu applikazzjoni pjena sakemm il-Kundizzjonijiet Specjali jipprovdu diversament**. Inoltre, ghall-finijiet tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt, it-terminu "*Modification*" huwa definit hekk:- "*An instruction given by the Engineer which modifies the work*". "*Engineer*", imbaghad, huwa mfisser bhala "*The legal or natural person responsible for administering the contract **on behalf of the Employer**.*"[12]

Il-korollarju tal-applikazzjoni ta' dawn id-definizzjonijiet ghall-Artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt, liema Artikolu s-socjeta` attrici tinvoka in sostenn tal-pozizzjoni taghha, huwa illi **d-dritt li jigu modifikati l-ammonti jew kwantitajiet stipolati fl-i*schedule of quantities* sa limitu ta' 5% iktar jew inqas, huwa rizervat biss f'kaz li dawn il-modifiki jsiru fuq ordni tal-Engineer jew Supervisor appuntat mill-Employer, f'dan il-kaz il-Kunsill**. Din l-interpretazzjoni hija rinforzata mill-fatt illi l-kuntrattur imkien fil-kuntratt ma jinghata d-dritt li jaghmel huwa stess modifiki ghall-ammonti u kwantitajiet stabbiliti, minghajr talanqas dawn ikunu approvati u ordnati mill-Engineer/Supervisor nominat ghan-nom tal-Employer[13]. Harsa wkoll lejn l-Artikolu 35 tal-*General Conditions* - li jirregola l-modifiki tax-xogholijiet appaltati – ma jhalli l-ebda dubju li din is-setgha hija moghtija esklussivament lis-Supervisor u mhux lill-kuntrattur.

[12] Enfasi tal-Qorti.
[13] Hlief l-Artikolu 52, li ser jigi trattat iktar 'il quddiem.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in dizamina, ma jirrizultax mit-termini tal-kuntratt u lanqas mill-provi, illi giet formalment nominata l-persuna illi kellha tagixxi bhala Supervisor sabiex tamministra l-kuntratt ghan-nom tal-Kunsill. Izda ghalkemm ma jirrizultax min effettivament assuma b'mod formali dan ir-rwol, fil-fehma tal-Qorti huwa eskluz illi din il-persuna setghet kien il-Perit Stephen Grech. Dan ghaliex il-Kap Ezekuttiv tal-Kunsill dak iz-zmien, Joseph Cassar, xehed kategorikament illi l-Perit Grech kien il-Perit inkarigat mill-Mosta Football Club u ghalkemm id-drittijiet professjonali tieghu kellhom jithallsu mill-Kunsill, huwa kien inghata struzzjonijiet diversi drabi mill-istess Kunsill sabiex jimxi strettament mal-i*specifications* tat-tender li gew maqbula[14]. Il-Kap Ezekuttiv tal-Kunsill xehed ukoll specifikatament illi la l-Kunsill u lanqas id-Direttur tal-Kuntratti ma kienu accettaw iċ-ċertifikazzjoni maħruġa mill-Perit Stephen Grech, tant illi ma hallsux ghall-varjazzjonijiet minnu certifikati bhala parti mill-appalt mertu tal-kuntratt konkluz bejn il-partijiet.

Maghdud dan il-fatt illi l-Perit Stephen Grech innifsu xehed illi huwa kien il-perit li gie mqabbad mill-Mosta Football Club u **fl-ebda waqt ma xehed illi huwa kien nominat biex jamministra l-kuntratt ghan-nom tal-Kunsill jew li gie appuntat bhala Supervisor/Engineer ghan-nom tal-Kunsill**. L-istess Perit ikkonferma illi kienet il-Mosta Football Club, u mhux il-Kunsill, li talbet iz-zidiet fix-xoghol u afferma illi effettivament il-Kunsill kien ghamilhielu car li ma kienx ser jaccetta l-ebda tibdil mit-*tender quantities*[15].

[14] Xhieda ta' Joseph Cassar tas-6 ta' Dicembru 2017.
[15] Ara xhieda tas-17 ta' Mejju 2016. L-Avukat Peter Fenech ukoll xehed illi l-Perit Stephen Grech kien il-Perit nominat mill-Mosta Footall Club bhala l-perit tal-progett izda ma kienx nominat mill-Kunsill – xhieda 15 ta' Gunju 2016.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-Perit Stephen Grech kien il-perit responsabbli ghall-progett ma jfissirx awtomatikament illi huwa kien nominat bhala l-*Engineer* jew is-*Supervisor* ghall-finijiet tal-kuntratt. Il-fatt wahdu illi Joseph Cassar xehed illi l-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kuntratti ma accettawx c-certifikazzjoni maghmula minn dan il-Perit u rrifjutaw li jhallsu fuq il-varjazzjonijiet certifikati minnu, huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex jeskludi li dan il-Perit kien nominat sabiex jamministra l-kuntratt ghan-nom tal-istess Kunsill. Ghalhekk, anke jekk ghal mument kellu jigi accettat illi fil-kaz in dizamina l-Perit Grech kien nominat sabiex jamministra l-kuntratt ghan-nom tal-Kunsill, jirrizulta manifestament illi jekk huwa kien ta ordni sabiex isiru l-modifiki in kontestazzjoni, din l-ordni saret kontra l-istruzzjonijiet espressi lilu moghtija mill-Kunsill.

Il-Qorti fehmet ukoll illi anke kieku l-modifika ossia zieda fl-ammonti stabbiliti fl-i*schedule of quantities* fil-kaz in dizamina, saret fuq ordni jew bl-approvazzjoni tal-Kunsill, dan ma jeskludix l-applikazzjoni tal-*General Conditions* u dan proprju ghaliex l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-*General Conditions* ma gietx eskluza specifikatament mill-Kundizzjonijiet Specjali. Fil-fatt, l-Artikolu 35.1 tal-Kundizzjonijiet Specjali **ma ssemmi assolutament xejn dwar xi dritt ghal hlas zejjed** b'rizultat ta' xi modifika ossia zieda fil-kwantita` tax-xoghol appaltat li ma jeccedix limitu ta' 5% tal-ammont kuntrattat.

Dan ifisser illi sub-artikoli **kollha** tal-Artikolu 35 tal-*General Conditions* ("*Modifications*") isibu applikazzjoni pjena biex jirregolaw id-dritt tal-kuntrattur li **jithallas addizzjonalment** f'kaz li tigi ordnata zieda fix-xogholijiet applatati, inkluz zidiet li ma jeccedux il-parametru ta' 5%. U l-Artikolu 35.3 tal-*General Conditions* jaghmilha car illi anke f'kaz illi l-modifika tikkonsisti f'zieda fil-kwantita` tax-xoghol li ssir fuq ordni tas-Supervisor, **il-kuntrattur huwa f'kull kaz obbligat li jissottometti proposta li fost ohrajn tindika l-**

**aggustament fil-prezz stipolat, sabiex din tigi approvata mill-Gvern Centrali.** Hu ovvju li kull zieda fix-xoghol iggib maghha zieda fil-prezz, izda l-procedura li kellha tigi segwita biex jista' jsir aggustament fil-prezz, evidentement ma gietx segwita fil-kaz in dizamina.

Izda iktar sinjifikanti minn hekk huwa l-fatt illi fl-Artikolu 35.7 tal-*General Conditions*, il-partijiet kontraenti qablu hekk:-

"*Unless otherwise provided by the Special Conditions, in the event of an increase or decrease in the total volume of the work required by the Contracting Authority or resulting from circumstances which are caused neither by the Contractor's negligence, nor by any action on his part, the Contrator may not claim compensation unless that increase or decrease, calculated on the basis of the original prices and without varying the object of the contract, exceeds a percentage of the original contract price specified in the Special Conditions. This percentage may not be more than 15% and not less than 10%.*"

Minn dan huwa manifest illi anke f'kaz li l-modifiki jkunu saru in konformita` mal-procedura stipolata fil-kuntratt u anke jekk ma jeccedux 5% mill-ammont stabbilit fil-*bill of quantities*, il-kuntrattur ma ghandux dritt jippretendi hlas addizzjonali.

Ikkunsidrat;

Evidentement, is-socjeta` attrici naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-disposizzjonijiet **kollha** tal-Artikolu 35 tal-Kundizzjonijiet Generali tal-kuntratt u in sostenn tal-pozizzjoni taghha, tinvoka biss is-subartiklu 2(c) tal-Artikolu 35 u tieqaf hemm. Dan is-subartikolu jeskludi l-htiega ta' ordni amministrattiva f'kaz li jirrizulta li l-kwantita` tax-xoghol stmat fil-*bill of quantities* kienet wisq gholja jew wisq baxxa. Izda l-Qorti fehmet illi **l-applikazzjoni tal-Artikolu 35.4 (li tehtieg l-approvazzjoni tal-modifika mill-Gvern Centrali) u tal-Artikolu 35.7 fuq citat, m'hijiex**

**eskluza f'kaz li l-modifika tinkwadra fil-parametri tal-Artikolu 35.2(c) tal-*General Conditions* tal-kuntratt**[16].

B'zieda mal-premess, ma jirrizultax mill-provi illi l-indikazzjoni ta' metragg ta' 8,100 metri kwadri ta' *turf* artificjali fil-*bill of quantities*, kienet frott ta' zball. Il-Qorti tqis li s-socjeta` attrici ma ghandhiex ragun meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, issostni li f'dan il-kaz sar zball fil-*Bill of Quantities* u illi dan l-istat ta' fatt jintitolaha tinvoka s-subartikolu 35.2(c). Il-Perit Stephen Grech fix-xhieda tieghu mkien ma qal illi sar zball fil-i*specifications* tal-*Bill of Quantities*[17] u mill-provi jirrizulta illi z-zieda fil-kwantita` ta' *turf* artificjali saret fuq talba tal-Mosta Football Club[18] li kienet bidlet il-qisien tal-*ground* u konsegwentement l-ammont ta' *turf* artificjali li kien mehtieg biex ikopri s-superfici. Wara kollox, hu inkontestat illi l-*Bill of Quantities* li abbazi tieghu gie konkluz il-kuntratt ta' appalt, gie mhejji abbazi ta' survey tal-*ground* li sar mill-istess Perit Stephen Grech fuq inkarigu tal-Mosta Football Club proprju biex tigi stabbilita l-kwantita` ta' *artificial turf* li kien mehtieg ghall-fini tal-kuntratt ta' appalt.

Izda jigi osservat illi fi kwalsiasi kaz, il-kuntratt jipprovdi specifikatament il-procedura ghandha tigi segwita f'kaz ta' modifiki kuntrattwali li ma jsirux in segwitu ghal 'ordni amministrattiva' tas-Supervisor. Effettivament, l-Artikolu 35.10 tal-*General Conditions* jistipola illi dawn il-varjazzjonijiet:- "*... must be formalised through an addendum to the contract signed by all the parties*." Fil-kaz odjern anke jekk ghal mument kellu jigi accettat illi l-modifika in kwistjoni ma kienetx tehtieg ordni amministrattiva skont l-Artikolu 35.2(c) u illi l-procedura indikata fis-subartikoli sussegwenti m'hijiex applikabbli, **ma**

[16] Kif rajna, l-approvazzjoni bil-miktub min-naha tal-awtorita` tal-Gvern Centrali sabiex din issir il-modifika, baqghet qatt ma nghatat.
[17] Xhieda Perit Stephen Grech, 6 ta' April 2016. L-Avukat Peter Fenech xehed ukoll illi l-ammont ta' turf zdied ghaliex id-daqs tal-ground zdied, oltre diversi zidiet ohrajn fil-bini, *stands* u *dressing rooms* – xhieda tal-15 ta' Gunju 2016. Ara wkoll skambju ta' diversi *e-mails* esebiti in atti.
[18] Vide xhieda tal-Perit Stephen Grech u tal-Avukat Peter Fenech.

**jirrizultax illi saret xi modifika lill-kuntratt fil-forma ta' *addendum* iffirmat mill-partijiet kollha**, li permezz tieghu giet awtorizzata zieda fil-kwantita` tat-*turf* artificjali specifikata fil-*Bill of Quantities* (8,100 m.k.) formanti parti integrali mill-kuntratt[19].

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-applikazzjoni tal-klawsola 35.2(c) tal-*General Conditions* hija eskluza f'dan il-kaz.

Mill-assjem tal-istipolazzjonijiet kontrattwali tal-appalt, jirrizulta manifest illi l-htiega tal-approvazzjoni tal-awtorita` tal-Gvern Centrali f'kaz ta' xi modifika fil-kwantita` jew natura tax-xogholijiet formanti parti mit-*tender*, hija mehtiega **f'kull kaz** ta' xi modifika. Konsegwentement, il-kuntrattur ma jistax jigi ezonerat milli jikseb l-approvazzjoni tal-Gvern Centrali jekk il-modifika mehtiega jirrizulta li hija rizultat ta' kalkolu hazin tal-kuntrattur innifsu fl-istima tax-xoghol u materjal rikjest ghall-ezekuzzjoni tal-appalt[20].

Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi f'kaz ta' xi modifika fit-*tender*, inkluz zieda fil-kwantita` tax-xoghol appaltat, anke jekk iz-zieda tkun giet ordnata jew approvata ghan-nom tal-Kunsill (u anke jekk il-varjazzjoni ma teccedix 5%), il-Kunsill m'huwiex obbligat li **jhallas prezz addizzjonali lill-kuntrattur** jekk iz-zieda ma teccedix talanqas 10% tal-prezz originali pattwit u **jekk dan kollu ma jigix approvat finalment mill-Gvern Centrali**.

Izda f'dan il-kaz jirrizulta illi z-zieda fil-kwantita` tat-*turf* artificjali specifikata fil-*Bill of Quantities* formanti parti mit-*tender*, la giet ordnata jew approvata

[19] Skont l-Artikolu 2(f) tal-kuntratt.

[20] Wara kollox, l-Artikolu 18 tal-General Conditions jipprovdi:- "*Subject to the Special Conditions, the Contractor shall be deemed to have inspected and examined the site and its surroundings and to have satisfied himself as to the nature of the ground and the subsoil before submitting his tender. He shall also be deemed to have taken into account the form and nature of the site, the expense and nature of the work and materials necessary for the completion of the work … and in general to have obtained for himself all necessary information as to the risks, contingencies and any other circumstances influencing or affecting his tender.*

mill-Kunsill, la jwassal ghal zieda ta' iktar minn 10% tal-prezz tal-appalt kif maqbul bejn il-partijiet[21] u lanqas m'huwa applikabbli l-Artikolu 35.2(c) tal-*General Conditions*. Kif stabbilit, l-ordni ghaz-zieda fil-kwantita` tat-*turf* addizzjonali ma saritx minn xi wahda mill-partijiet fil-kuntratt izda mill-Mosta Football Club li, ghalkemm kienet il-benficcjarja tax-xoghlijiet mertu tal-appalt, **ma kellha l-ebda dritt li tordna tibdiliet fl-appalt li gie kkuntrattat**. Huwa indiskuss illi l-pozizzjoni tal-Kunsill dejjem kienet illi mhux ser jigu approvati l-ebda modifiki jew zidiet fix-xoghol appaltat.

B'zieda ma' dan, mhux kontestat illi l-awtorita` tal-Gvern Centrali qatt ma approvat li jizdiedu l-kwantitajiet tat-*turf* artificjali specifikati fit-*tender* jew li jizdied per konsegwenza, il-prezz tal-appalt stabbilit fil-kuntratt. Il-fatt illi l-varjazzjoni fil-kwantita` ta' *turf* artificjali specifikata fil-*Bill of Quantities*, tista' attwalment taqa' entro l-limitu ta' 5% skont kif stipolat fil-Kundizzjonijiet Specjali tal-kuntratt, mhux biss huwa irrelevanti f'dan il-kaz, galadarba ma jirrizultax illi din saret fuq ordni tal-Kunsill jew tal-persuna li tamministra l-ftehim ghan-nom tal-istess Kunsill, izda jfisser ukoll li d-dritt ghal hlas addizzjonali huwa kompletament eskluz.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghall-kompletezza, anke jekk ghal mument wiehed kellu jqis it-talba ghall-hlas tax-xoghol addizzjonali bhala wahda li saret a tenur tal-Artikolu 52 tal-General Conditions ("*Claims for Additional Payment*"), il-Qorti tqis illi l-htigijiet ta' din il-klawsola ma gewx sodisfatti ghaliex evidentement, anke jekk it-termini imposti ghas-sottomissjoni tat-talba setghu gew debitament osservati[22], l-approvazzjoni bil-miktub tal-awtorita` tal-Gvern Centrali sabiex jizdied il-prezz

[21] Iz-zieda fil-prezz tirrapprezenta biss cirka 1.43% tal-prezz totali tal-appalt.

[22] Effettivament jirrizulta illi t-termini ma gewx osservati ghaliex mix-xhieda ta' Joseph Cassar hu evidenti li l-Kunsill gie infurmat illi attwalment kienu saru varjazzjonijiet fil-qisien tat-turf artificjali stabbiliti fil-kuntratt u li kien hemm pretensjoni ghal hlas addizzjonali, wara li x-xoghol kien diga` sar, u dan permezz tal-Final Variations Report datat 28 ta' Lulju 2011 – Dok. SG2 (fol. 40 *et seq.*) u Dok. RM1 (fol. 240 *et seq.*).

allokat lil dan l-appalt ghall-fini li jsir il-hlas addizzjonali pretiz mill-kuntrattur, baqghet qatt ma nghatat. Dan huwa indiskuss. L-approvazzjoni tal-awtorita` tal-Gvern Centrali hija kundizzjoni bazilari f'kull kaz ta' tibdil tat-termini kuntrattwali pattwiti.

Mizmumin ferm dawk il-konsiderazzjonijiet kollha u applikati t-termini u kundizzjonijiet tal-konvenzjoni pattwita bejn il-partijiet, jikkonsegwi illi s-socjeta` attrici bhala l-kuntrattur, ma ghandha ebda dritt ghall-hlas minghand il-Kunsill, anzi dan id-dritt huwa eskluz mit-termini tal-kuntratt.

B'dan kollu izda, ma jfissirx illi s-socjeta` attrici m'ghandhiex dritt li tithallas ghax-xoghol u materjal addizzjonali, minghand min attwalment ordna li jsir dan ix-xoghol zejjed li mar oltre t-termini tal-appalt kuntrattat mal-Kunsill konvenut.

**<u>Servizzi ta' Tindif u Manutenzjoni</u>**

Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tal-ammont komplessiv ta' €4,256.14 rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' manutenzjoni konsistenti f'*testing* u tindif ta' *swimming pools* fi tliet stabbilimenti sportivi amministrati mill-Kunsill Malti ghall-Isports: gewwa Hal Kirkop, is-Siggiewi u Cottonera.

Il-Kunsill konvenut joggezzjona ghat-talba ghall-hlas ghaliex jesigi qabel xejn, li tingieb prova illi kien intlahaq ftehim sabiex jigu prestati dawn is-servizzi, prova tar-rati miftiehma u prova li x-xogholijiet gew effettivament ezegwiti u dan permezz ta' *job sheets*.

Il-Qorti tosserva minnufih illi l-fatt illi kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet sabiex jigu rezi s-servizzi ta' manutenzjoni tal-i*swimming pool* fit-tliet stabbilimenti in kwistjoni, jinsab ampjament ippruvat bix-xhieda ta' Mario

Psaila Savona[23] li kien inkarigat bhala Head of Strategic Development fi hdan il-Kunsill Malti ghall-Isport fis-snin 2012 u 2013. Dan ix-xhud afferma b'mod kategoriku illi s-socjeta` attrici kienet tigi inkarigata mill-Kunsill sabiex effettivament tippresta dawk is-servizzi li proprju ghalihom qed jintalab il-hlas f'din il-kawza. Ikkonferma wkoll illi dawn is-servizzi kienu jigu rezi b'mod regolari u dan l-arrangament kien wiehed "*fiss*".

Dan gie konfermat minn Desmond Mizzi li xehed ukoll illi s-socjeta` attrici kienet tircievi l-hlas ghal dawn is-servizzi regolarment minghand il-Kunsill u kienu biss l-ahhar erba' fatturi li baqghu ma thallsux. F'kull kaz, il-hlas regolari ta' dawn is-servizzi jinsab evidenzjat mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Gunju 2017[24], fejn jirrizulta illi s-servizz ta' tindif u *testing*, fost ohrajn, tal-*pool* gewwa Hal Kirkop gie regolarment imhallas ghax-xhur ta' Dicembru 2012, Jannar u Frar 2013 u Mejju 2013[25], filwaqt illi l-istess servizzi rezi b'rabta mal-*pool* gewwa s-Siggiewi gew debitament imhallsin ghax-xahar ta' Novembru 2012. Kwantu ghall-*pool* gewwa Cottonera, jirrizulta mill-iskambju ta' *e-mails* esebiti in atti[26], illi dawn is-servizzi kienu nghataw ukoll lill-Kunsill matul is-Sajf tal-2012, u billi l-pretensjoni ghall-hlas f'din il-kawza tikkoncerna biss is-servizzi li allegatament gew rezi matul is-sajf tal-2013, il-konkluzjoni logika hi li l-pagament dovut ghas-servizzi moghtija fl-2012 kien gie effettwat.

**Hal Kirkop**

Kwantu ghall-*pool* gewwa Hal Kirkop, is-socjeta` attrici ssostni li l-Kunsill baqa' ma hallasx il-fattura datata 24 ta' Lulju 2012 fis-somma ta' €944. Il-Kunsill, da parti tieghu, jikkontendi illi jehtieg li titressaq prova sodisfacjenti tar-rati li kienu miftiehma ghall-provvizjoni ta' dan is-servizz.

---

[23] Xhieda tas-6 ta' April 2020.
[24] Dok. MV1, MV2 u Dok. MV4.
[25] Jirrizulta wkoll illi s-servizz ta' tindif tal-pool gewwa Hal Kirkop skont fattura 1383 gie mhallas fis-26 ta' Settembru 2012.
[26] Fol. 167 *et seq.*

Il-Qorti tosserva illi mill-*e-mail* esebit a fol. 82 li kien intbaghat mis-socjeta` attrici lil Mario Psaila Savona ghan-nom tal-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2012, jirrizulta manifestament illi kien hemm ftehim illi ghas-servizz li kien gie rez fis-sajf, il-hlas dovut kien ta' €100 kull gimgha. Effettivament, il-fattura li baqghet ma thallsitx tirreferi ghal servizz li gie rez matul tmien gimghat tas-sajf u ghalhekk bir-rata ta' €100 fil-gimgha, l-ammont pretiz ta' €944 inkluz taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), jidher li huwa korrett. Inoltre, jirrizulta wkoll illi l-fatturi mahrugin relattivament ghas-servizzi prestati matul ix-xhur sussegwenti, gew imhallsin.

Il-Kunsill jikkontendi ulterjorment illi peress li ma giex ipprovdut *time-sheet* debitament iffirmat mill-persuna responsabbli ghall-istabbiliment in kwistjoni, ma hemmx prova li s-servizz in kwistjoni gie effettivament imwettaq.

Madanakollu, il-Qorti wara li rat ix-xhieda ta' Mario Psaila Savona u ta' Oreste Gauci, u l-*e-mail* a fol. 82, u wara li qieset ukoll il-fatt illi ma nwterielha l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita li s-servizz gie effettivament ipprestat bhalma gie del resto ipprestat regolarment fix-xhur sussegwenti u debitament imhallas, tqis illi fuq il-preponderanza tal-provi jinsab sodisfacjentement ippruvat illi effettivament dan is-servizz gie debitament rez u dan bir-rata ta' €100 fil-gimgha. Wara kollox, l-Accounts Manager tal-Kunsill[27] ikkonfermat hija stess illi kienet tkellmet ma' *facility manager* fir-rigward ta' Hal Kirkop, u dan kien taha prova li effettivament is-servizz inghata u ghalhekk setghet thallas.

Ghaldaqstant huwa dovut l-ammont ta' **€944** fuq il-fattura datata 24 ta' Lulju 2012.

**Siggiewi**

---

[27] Maria Seychell.

Kwantu ghall-*pool* gewwa s-Siggiewi, qed jigi allegat illi l-Kunsill baqa' ma hallasx il-fatturi li jirreferu ghas-servizzi rezi fix-xahar ta' Dicembru 2012, Jannar, Frar, Marzu, April u Mejju 2013, u dan f'ammont totali ta' €2,445.55.

Jinsab ampjament ippruvat bix-xhieda ta' Oreste Gauci u minn Dok. GF minnu esebit, illi huwa kien imur personalment gewwa l-iskola sabiex jaghmel it-tindif tal-*pool*, izda ma kienx jigi mitlub mid-dirigenti tal-iskola sabiex jiffirma xi dokument biex jigu registrati l-hinijiet tal-attendenza tieghu. Madanakollu, ix-xhud fisser illi qabel kien jibda x-xoghol kien jikkonferma mas-surmast tal-iskola li ma jkunx hemm tfal fil-*pool*.

Ma jirrizultax illi kien hemm xi kambjamenti fil-provvizjoni ta' dan is-servizz bejn ix-xahar ta' Novembru 2012 (li, kif rajna, gie debitament imhallas) u x-xhur sussegwenti (li baqghu mhux imhallsin), hlief ghall-fatt illi ittiehdet decizjoni amministrattiva fi hdan il-Kunsill sabiex il-pagamenti ghal dawn is-servizzi jibqghu jsiru biss jekk jigi pprovdut ukoll *job sheet* li jafferma li dan is-servizz gie attwalment prestat fid-dati u l-hinijiet pretizi.

Madanakollu, mill-provi jirrizulta illi effettivament din id-decizjoni ttiehdet wara illi s-servizzi in kwistjoni **kienu diga` gew rezi** u wara li l-fatturi relattivi kienu diga` nhargu. Mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Maria Seychell, il-Qorti fehmet illi meta l-Kunsill beda jesigi li l-fatturi jkunu akkumpanjati minn *job sheet* bhala prova tal-prestazzjoni tas-servizz, dan sar *ex post facto* l-prestazzjoni tas-servizz. Fir-rigward, Maria Seychell xehdet illi l-invoices tas-socjeta` attrici ma kienux jintbaghtu kull gimgha jew kull xahar izda kienu jintbaghtu invoices f'xahar partikolari **tas-sitt xhur ta' qabel**. Mill-iskambju ta' korrispondenza esebit fl-atti, jirrizulta wkoll illi l-ewwel darba illi gie ppruvat li l-Kunsill talab konferma tal-fatturi u prova tas-servizz[28], kien

[28] Skont Maria Seychell, din il-prova trid tikkonsisti minn job sheet iffirmata minn persuna bhala responsabbli ta' dak is-servizz.

**f'Gunju 2013**. Ma hemm ebda prova illi s-socjeta` attrici giet mitluba tissupplixxi prova tal-provvizjoni tas-servizz preventivament, cioe` qabel effettivament gew rezi s-servizzi in kwistjoni. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi din il-prova giet rikjesta posterjorment ghall-prestazzjoni tas-servizzi ghax-xhur in kontestazzjoni.

Mix-xhieda ta' Mario Psaila Savona jirrizulta illi meta huwa kien ghadu inkarigat biex ghan-nom tal-Kunsill, jiehu hsieb li jsiru l-hlasijiet ghal dawn is-servizzi, huwa dejjem kien jawtorizza li jsir il-pagament dovut. Huwa kkonferma wkoll illi r-rapprezentanti tal-istabbilimenti li fihom kien jinghata dan is-servizz mis-socjeta` attrici kienu jgharrfuh dwar jekk effettivament is-servizz kien qed jinghata. Kif rajna, kienet Maria Seychell li hadet id-decizjoni li ma jigux awtorizzati iktar pagamenti fuq dawn is-servizzi jekk il-fattura ma tigix konfortata bi prova li verament gie rez is-servizz fid-dati specifikati (*proof of provision of service*). Izda l-istess xhud sostniet ukoll, fl-istess nifs, illi fir-rigward tal-*pool* tas-Siggiewi, kienet ikkonfermat hija stess dak li kien xehed Oreste Gauci, cioe` illi ma kienx hemm *facility manager* li seta' jaghti prova illi effettivament is-servizz kien inghata.

Il-Qorti tosserva illi ma tressqet l-ebda prova mill-Kunsill illi dan is-servizz ma giex rez hekk kif mitlub u fi kwalsiasi kaz, fuq il-preponderanza tal-provi, il-Qorti hija konvinta illi s-servizz kif mitlub fil-fatturi relattiv, effettivament inghata. Kwantu ghax-xhur ta' Dicembru 2012, Jannar u Frar 2013, jirrizulta wkoll illi l-fatturi li ntbaghtu lill-Kunsill riferibbilment ghas-servizz rez matul dawn it-tliet xhur[29], gew ittimbrati minn Mario Psaila Savona li dak iz-zmien kien jawtorizza l-pagamenti tal-fatturi ghan-nom tal-Kunsill, uhud minnhom b'konferma li s-servizz gie effettivament ipprovdut a sodisfazzjoni tal-istess Kunsill. Ghalkemm il-Qorti tinnota li l-kopji tal-fatturi li gew stampati b'dan it-timbru huma biss kopji informali, ma giex kontestat effettivament mill-

[29] Fatturi 1472,1465 u 1489 – vide fol. 83,84, 84.

Kunsill illi mhux minnu li s-servizzi ma kienux inghataw skont kif evidenzjat mit-timbru.

Ikkunsidrat;

Izda fl-istess waqt, is-socjeta` attrici evidentement naqset milli tressaq prova, kif del resto giet mitluba li taghmel mill-Kunsill in linea ta' kontestazzjoni, dwar ir-rata miftiehma bejn il-partijiet ghall-provvizjoni tas-servizzi ta' tindif u testing tal-*pool* gewwa l-iskola tas-Siggiewi. Mill-fatturi li baqghu ma thallsux u li taghhom is-socjeta` attrici qieghda tippretendi l-hlas, ma jirrizultax illi kien hemm xi rata konsistenti li giet applikata ghall-prestazzjoni ta' dan is-servizz partikolari, u dan diversament mill-ftehim dwar rati li gie ppruvat li ntlahaq fil-kaz tat-tindif tal-*pool* gewwa Hal Kirkop. Fil-fatt, taht il-kolonna "*Unit Price*" fil-fatturi in kontestazzjoni, hemm indikat biss il-prezz totali, u mhux ir-rata ghal kull siegha jew ghal kull darba li gie rez is-servizz.

Ma jirrizultax lanqas illi s-servizz gie dejjem provdut fuq bazi fissa ta' tant darbiet fil-gimgha, u f'uhud mill-fatturi hemm indikat li s-servizz gie provdut darbtejn u addirittura tliet darbiet fil-gimgha[30]. Di pju`, jidher li ma hemm ebda uniformita` fl-ammonti mitluba kull xahar, u l-ammont mitlub ma jizdiedx proporzjonalment ghall-frekwenza tas-servizz. Dan qed jinghad ghaliex anke fejn jidher li gie provdut servizz ta' tindif tmien darbiet f'xahar, l-ammont komplessiv mitlub[31] huwa ferm inqas mill-ammont mitlub f'kaz li s-servizz inghata biss erba' darbiet fix-xahar[32]. Is-socjeta` attrici ma ressqet ebda prova biex tfisser id-diskrepanza fl-ammonti ta' kull fattura jew ir-raguni ghaliex jidher li gew applikati rati differenti f'kull fattura.

[3030] Fattura 1465 a fol. 3 u fattura 1533 a fol. 8.
[31] €240, fol. 3.
[32] €324, fol. 4.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti li hija sodisfatta mill-assjem tal-provi illi s-servizz gie effettivament prestat a favur il-Kunsill kif indikat fil-fatturi in kontestazzjoni, m'hijiex konvinta illi ntwera b'mod sodisfacjenti x'kienet ir-rata applikabbli skont il-ftehim bejn il-partijiet, u dan meta l-prova fir-rigward kienet mehtiega biex tigi sorvolata l-eccezzjoni mqajma mill-Kunsill fir-rigward. Huwa manifest illi s-socjeta` attrici, rinfaccjata bl-eccezzjoni tal-Kunsill dwar il-htiega li tingieb prova tar-rata stabbilita skont il-ftehim ghall-provvizjoni tas-servizzi in kwistjoni, naqset milli taghmel dan. Inoltre, galadarba ma hemm ebda konsistenza fir-rata applikata fil-fatturi mertu tal-kawza, il-Qorti tqis illi s-socjeta` attrici naqset ukoll milli tikkonvinci li r-rati ma gewx applikati arbitrarjament.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza, hija ghandha tapplika dak li jirrizulta li hija **l-inqas rata** li giet applikata mis-socjeta` attrici ghal dan is-servizz. **Din l-inqas rata hija dik ta' €240 ghal tmien darbiet li fihom gie rez dan is-servizz u dan matul ix-xahar ta' Dicembru 2012, liema ammont isarraf f'rata ta' €30 minghajr VAT, ghal kull darba li gie rez is-servizz**[33]. Fejn ma jirrizultax mill-fattura kemm il-darba f'xahar gie rez is-servizz il-Qorti tqis illi dan gie rez **darba fil-gimgha**. Madanakollu, kwantu ghax-xahar ta' Marzu 2013, ghalkemm il-fattura relattiva ma tindikax kemm il-darba f'dak ix-xahar gie rez is-servizz fl-istabbiliment in kwistjoni, jirrizulta mil-lista esebita minn Oreste Gauci, illi waqt ix-xahar ta' Marzu 2013[34] huwa attenda fuq il-post ben seba' darbiet biex jaghti dan is-servizz.

B'applikazzjoni tal-premess, il-Qorti tqis illi l-hlas dovut ghas-sitt xhur bejn Dicembru 2012 u Mejju 2013 li fihom gie rez is-servizz ta' tindif tal-*pool* tas-Siggiewi, huwa ta' €1,110 eskluz VAT, pju` l-prezz ta' *test kit* fis-somma ta'

[33] Vide fattura 1465 a fol. 3.
[34] Dok. GF, fol. 89.

€10.03[35]. Dan ifisser illi l-ammont totali dovut bl-applikazzjoni ta' din ir-rata ghal kull darba li gie ppruvat li gie rez is-servizz ta' tindif eccetera, huwa ta' **€1,319.83**.

**Cottonera**

Is-socjeta` attrici harget fattura datata 7 ta' Ottubru 2013 mahruga kwantu "*pool cleaning Cottenera*" ghall-ammont ta' €886.59[36], liema servizzi jirrizulta mill-provi[37] li gew rezi matul il-perjodu bejn l-10 ta' Lulju tas-sena 2013 u s-7 ta' Settembru 2013. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'*testing cleaning, vacuuming, maintenance* u arrangament ta' *filters* fil-pixxina tal-iSports Complex gewwa l-Cottonera.

Il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacjentement mix-xhieda ta' Desmond Mizzi u Mario Psaila Savona illi s-socjeta` attrici pprestat dawn is-servizzi fuq talba tal-Kunsill matul il-perijodu Lulju sa Settembru 2013. Din il-prova tinsab sorretta ulterjorment mit-testimonjanza moghtija minn Oreste Gauci[38] li kien inkarigat mis-socjeta` attrici sabiex inaddaf dan il-*pool*, u li xehed illi huwa kien jitlob ic-cwievet mir-*reception* tal-istabbiliment u jaghmel it-tindif mehtieg izda ma kienx jigi mitlub jiffirma xi dokumentazzjoni b'rabta mad-dati u l-hinijiet tal-attendenza tieghu. Madanakollu, ix-xhud fisser illi fl-ahhar ta' kull xahar huwa kien jirredigi *spreadsheet* b'lista ta' xogholijiet bid-data u l-hinijiet li jkun ghamel, liema lista kien jibghatha lis-socjeta` attrici. Fil-kaz tal-istabbiliment tal-Cottonera, ix-xhud ipprezenta lista fl-atti[39] li turi illi effettivament, bejn l-10 ta' Lulju 2013 u s-7 ta' Settembru 2013, dan is-servizz inghata fi tmienja u ghoxrin (28) okkazjoni.

---

[35] Fattura 1489 a fol. 5.
[36] Fol. 9.
[37] Xhieda ta' Ann Degiovanni, 15 ta' Marzu 2017.
[38] Xhieda tat-23 ta' Novembru 2016.
[39] Fol. 91.

Ghal dan is-servizz, is-socjeta` attrici harget fattura fl-ammont komplessiv ta' €866.59 li effettivament ifisser li r-rata medja ghal kull darba li gie rez dan is-servizz hija ta' kwazi €31 inkluz VAT, **liema rata tikkombaccja b'mod approssimattiv mar-rata li l-Qorti tqis li ghandha tigi applikata ghall-istess servizzi li gew rezi fil-pixxina tal-iskola gewwa s-Siggiewi**. Ma tressqet ebda prova li dan is-servizz mhux minnu li gie prestat jew illi kien hemm ftehim li tigi applikata rata inqas, u l-Qorti tosserva in konkluzjoni illi r-rata applikata hija ferm inqas minn dik li jidher li kienet applikata mis-socjeta` attrici ghat-tindif tal-istess pixxina fl-istess perijodu matul is-sajf precedenti[40].

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ammont ta' **€886.59** mitlub fil-fattura 1589 datata 7 ta' Ottubru 2013[41], huwa dovut fl-intier tieghu.

Illi konsegwentement, is-somma totali li hija dovuta lis-socjeta` attrici fuq il-fatturi mahrugin kwantu ghas-servizzi ta' tindif, testing u manutenzjoni tal-pixxini fit-tliet stabbilimenti gewwa Hal Kirkop, is-Siggiewi u Cottonera, hija ta' tliet elef mija u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (**€3,150.42**).

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u tichad it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-ammont rapprezentanti bilanc fuq xoghlijiet ezegwiti fl-istabbiliment tal-Mosta Football Club, tilqa' t-tieni eccezzjoni biss safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u konsegwentement tilqa' parzjalment it-talba attrici ghall-hlas ta' somma reklamata ghall-prestazzjoni ta' servizzi gewwa stabbilimenti ohrajn amministrati mill-Kunsill konvenut, kif ahjar imfisser fir-Rikors promotur, u tikkundanna**

[40] €267 fil-gimgha minghajr VAT – fol. 168.
[41] Fol. 9.

**lill-istess Kunsill konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' tliet elef, mija u hamsin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,150.42) bl-imghax fuq l-ammont dovut fuq kull fattura mid-data tal-istess fattura u bl-ispejjez kif mitluba jithallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**